# O Żmien Helu

*tagħrif u ritratti minn*
**Raymond C. Xerri, B.A.(Hons.)(USA), EU.Sch.(FRG), D.D.S., M.A.(Dip.St.)**

Ir-raħal tal-Qala kien fl-imgħoddi famuż f'pajjiżna bħal raħal b'komunita' mdaqqsa ta' sajjieda. Is-sajd kien isir b'diversi modi. Sajd fuq id-dgħajsa, sajd bil-purċellat u sajd bil-qasba. In-natura ġeoġrafika tar-raħal tagħna, ta' għadd ta' portijiet bħal ta' Ħondoq ir-Rummien (u fl-imgħoddi kien ikopri l-portijiet tal-Imġarr, Daħlet Qorrot u parti mir-Ramla l-Ħamra), kienu joffru l-kundizzjonjiet ideali ta'kenn mill-maltemp u rmiġġ ta'opri tal-baħar. Dan jixhdu bl-arma Parrokkjali, l-arma tal-Kunsill Lokali, diversi innijiet Qalin, dokumenti u kotba dwar il-Qala. Pero' għal din id-darba ser nitkellem dwar is-sajd bil-qasba li fl-opinjoni tiegħi huwa l-eqdem fost il-metodu ta' sajd.

Is-sajd bil-qasba kien u għadu jiġbed numru sostanzjali ta' nies u dilettanti. Fl-imgħoddi s-sajd bil-qasba kien isir bħala bżonn ta' ikel, pero' llum dan sar delizzju kbir. Għalkemm għadek tara l-qasba tas-sajd stil antik, din il-biċċa għodda folkoristika u sofistikata qiegħda tiġi sostitwita' b'qasba moderna, manifatturata b'mod industrijali. Illum issib qasab tas-sajd b'sistemi differenti u metodi nnovattivi mix-xjenza. Eżempju ta' dan insibu qasab tas-sajd li huma akkompanjati minn bozza biex tattira ċertu tip ta' ħut bil-lejl. Pero' nixtieq nitkellem dwar il-qasba tas-sajd stil antik. Tajjeb nifhmu s-sofistikazzjoni ta' din l-biċċa għodda antika u s-sengħa tabilħaqq qadima.

L-ewwel pass kien li tinsab qasba. Ġeneralment, din kienet tinġabar minn postijiet fejn jikber il-qasab, bħalma huma miż-Żewwieqa, mill-Wied tal-Marġa, mill-Wied ta' Ħondoq, mill-Irdum, minn Għajn Ħaġar u Wied ta' Daħlet Qorrot. Il-qasba kienet titnaddaf mill-ħafna ħaxix ta' magħha, maqsuma fi tliet biċċiet u l-partijiet waħda mwaħħla ġo l-oħra kull waħda minnhom b'isem different. It-tliet partijiet tal-qasba tas-sajd huma "ir-Rangu", "il-



Sajd bil-qasba moderna




*Tip ta` sajd ieħor – Sajd bil-Purcellat. Dan kien isir l-aktar f'żoni fejn insibu l-irdumijiet*

Ġonta" u "l-Ferħ". "Ir-Rangu" kienet il-parti l-iktar ħoxna tal-qasba u l-biċċa li s-sajjied jżomm f'idu. Ġeneralment din kienet bejn żewġt iqjiem u nofs sa tlett iqiem. Din imbagħad kienet tkun imwaħħla mal-parti msejħa "l-ġonta" permezz ta' ħabel jew imfellsa sew magħha. Id-daqs ta' din il-parti kien ivarja ħafna, pero' kienet irqaq "mir-rangu". Finalment, insibu qasba rqiqa ħafna li tidħol marsusa fil-parti "l-ġonta" msejħa "l-ferħ". Din tkun twila madwar tlett ixbar tali mod li tista' titgħawweġ bil-ħeffa u f'salt mingħajr ma' tinqasam. B'kollox il-qasba tas-sajd tkun twila madwar ħamest iqjiem. Meta kienet tinġarr mid-dar għax-xtajta u lura din tinħatt u t-tliet partijiet kienu jintrabtu flimkien f'din li tissejjaħ "il-qatta".

Is-sajjieda bil-qasba konna u għadna nsibuhom, matul il-ġurnata kollha f'postijiet bħal il-Blata, fiż-Żewwieqa, il-Bajja tan-Nisa, id-daħla ta' Bambarin, f'Ħondoq, fiż-Żrieżaq, ħdejn il-Ġebla tal-Ħalfa, f'Ras il-Qala, tas-Simar u ħdejn Daħlet Qorrot. Dawn il-postijiet huma żoni fejn kull tip ta' ħut ta' ilma baxx kien jgħix u jbid. Sfortunatament, illum il-kwantita' u d-daqs tal-ħut naqas konsiderevolment, prinċipalment minħabba l-qbid ta' ħut fi kwantitajiet kbar u tniġġiż industrijali u l-iżvilupp bl-addoċċ madwar il-Mediterran kollu. Ħafna drabi biex wieħed jaqbad ħafna ħut ma jiddependix minn kemm tkun sofistikata l-qasba, iżda' mill-ħila tas-sajjied li jkun kapaċi jagħżel il-post u l-ħin skond ir-riħ u ċ-ċafċifa tal-baħar speċjalment fis-sajd għall-kaħli.

Il-qasba tas-sajd kienet l-għixien ta' ħafna familji tal-Qala fl-imgħoddi. Oħrajn kienu jistadu wara ġurnata xogħol. Is-sajjied kien jieħu nofs ħobża mingħajr il-qalba iżda' mimlija u mħawra bit-tadam, żebbuġ, ħjar u mmerqa' biż-żejt. Kien jieħu landa jew friskatur tal-fuħħar biex ipoġġi l-ħut li kien jaqbad. Is-sajjieda kienu jqattgħu siegħat sħaħ fuq il-blat tal-kosta tar-raħal tagħna. O żmien ħelu ... fejn int?

**REFERENZI**

Attard, Anton F., Mill-Ħajja ta' l-Imgħoddi – Tagħrif Folkloristiku minn Għawdex - L-Ewwel Ktieb - Għawdex 1991